# Ir-Rata tal-Qgħad: Diċembru tal-2023

NR 017/2024 Data tal-Ħruġ: 29 ta' Jannar 2024

*Ir-rata tal-qgħad aġġustata għall-effetti tal-istaġun għax-xahar ta' Diċembru 2023 kienet ta' 2.4 fil-mija, l-istess meta mqabbla max-xahar ta' qabel.*




**Il-fatturi li wasslu għar-rata tal-qgħad tax-xahar aġġustata bl-istaġun**

F'Diċembru 2023, ir-rata tal-qgħad kienet ta' 2.4 fil-mija, l-istess meta mqabbla max-xahar ta' qabel, kif ukoll tnaqqis ta' 0.6 punti perċentwali fuq Diċembru 2022 (Tabella nru 1).

F'Diċembru 2023, l-għadd ta' nies qiegħda kien ta' 7,558, b'dawk il-persuni li kellhom bejn il-25 u l-74 sena jkunu dawk li kellhom l-akbar sehem mil-livell kollu tal-qgħad. L-għadd ta' żgħażagħ qiegħda, aġġustat għall-effetti tal-istaġun, ammonta għall-2,032, mentri l-għadd ta' nies qiegħda li kellhom bejn il-25 u l-74 sena ammontaw għal 5,527 (Tabella nru 2).

## Ċart nru 1. Ir-rata tal-qgħad tax-xahar, aġġustata għall-effetti tal-istaġun




F'Diċembru 2023, ir-rata tal-qgħad għall-irġiel kienet ta' 2.3 fil-mija, l-istess meta mqabbla max-xahar ta' qabel. Sadattant, ir-rata għan-nisa kienet ta' 2.6 fil-mija, tnaqqis ta' 0.1 punti perċentwali meta mqabbla ma' Novembru 2023 (Tabella nru 1).

Ir-rata tal-qgħad għall-persuni ta' bejn il-15 u l-24 sena (ir-rata tal-qgħad taż-żgħażagħ) naqset għal 6.9 fil-mija, filwaqt li dik għal persuni li kellhom bejn il-25 u l-74 sena kienet ta' 2.0 fil-mija, żieda ta' 0.1 punti perċentwali meta mqabbla max-xahar ta' qabel (Tabella nru 1, Ċart nru 2).

## Ċart nru 2. Ir-rata tal-qgħad tax-xahar, bil-gruppi tal-età, aġġustata għall-effetti tal-istaġun

